MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1996/2004

**Panta Marketing & Services Ltd**

**Vs**

**Micallef Mario et**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta` attrici qed titlob li tigi mhallsa s-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm 158.65) rapprezentani ghal bilanc ta' somma akbar ghal prezz ta' air condition unit mibjugh u debitament konsenjat mill-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat f'dina l-kawza baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess.

Semgha x-xhieda ta' John Gauci li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsengwentament ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta’ mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm 158.65) bl-imghax legali dekorribli mid-data tan-notifika ta’ l-istess avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza sapportati mill-istess konvenut Mario Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------